MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Numru. 67/2009

Il-Pulizija
**(Spettur Frank A. Tabone)**
**Vs**
**Marvic Mercieca ta' 25 sena, iben Eucharistico u Rita nee' Cassar, imwieled Rabat, Ghawdex, Malta, nhar id-9 ta' Jannar, 1984, residenti fil-fond Nru. 7, Triq L-Ispiera, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 7284(G);**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Marvic Mercieca li gie akkuzat:
1. talli fit-2 ta' Jannar 2009, u fix-xhur ta' qabel gewwa x-Xaghra, Ghawdex u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni

mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li forni d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendat u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-artiklu 8(a) u (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-ordni maghmula mill-Avukat Generali tal-5 ta' Gunju 2009 ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat bil-pussess tad-droga eroina u tal-cannabis u dana fit-2 ta' Jannar 2009 u fix-xhur ta' qabel. Illi mill-provi akwiziti jirrizulta illi l-imputat huwa drug-abuser u fil-fatt lejn it-tmiem ta' dawn il-proceduri penali l-imputat beda programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga gewwa l-Komunita ta' Santa Marija. Illi jirrizulta illi waqt tfittxija li l-pulizija kienet qed taghmel fir-residenza u fil-vettura tal-imputat u dana fuq suspett ta' qtil u bbalzmar ta' tajr prottett, instabu oggetti relattati mal-abbuz ta' droga kemm eroina kif ukoll cannabis.

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija[1] l-imputat jammetti illi ghandu l-vizzju tad-droga u li jabbuza kemm mill-eroina kif ukoll mill-cannabis. Huwa izda ma jaghtix informazzjoni lill-pulizija minghand min jakkwista dina d-droga.  Illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista’ tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b’theddid, jew b’biza’, jew b’weghdiet jew twebbil ta’ vantaggi (artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi inoltre r-rapport tal-espert nominat mill-Qorti l-Ispizjar Godwin Sammut jikkonferma illi fuq l-oggetti misjuba fil-pussess tal-imputat kien hemm tracci tad-droga eroina.

Ghaldaqstant minghajr l-icken dubbju l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat gew ampjament ippruvati. Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghandu problema serja ta’ droga u fil-fatt bhalissa qed isegwi programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga gewwa l-Komunita ta’ Santa Marija.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(a) u (d), 10(1), u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta ir-regolamenti 8 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 (G.N. 292/1939 kif sussegwentement emendat) issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas multa ta’ €650.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara stqarrija Dokument FT2 a fol.22